*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,678, 13 ta' Novembru, 1992*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru. XIX ta' l-1992**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.**

**ACT No. XIX of 1992**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Criminal Code, Cap. 9.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

13 ta' Novembru, 1992

## ATT Nru. XIX ta' l-1992

*ATT biex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor. Kap. 9.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 298B tal-liġi prinċipali.

**2.** L-artikolu 298B tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "bil-liġi ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "bil-liġi ta' Malta jew taħtha" u minflok il-kliem "għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elf lira, jew dik il-multa u priġunerija flimkien." għandhom jidħlu l-kliem "għal żmien ta' mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew dik il-multa u priġunerija flimkien."; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "fl-1 ta' Jannar, 1995." għandhom jidħlu l-kliem "fl-1 ta' Jannar, 1993.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 69 tal-11 ta' Novembru, 1992.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

13th November, 1992

## ACT No. XIX of 1992

*AN ACT to amend the Criminal Code, Cap. 9.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Criminal Code (Amendment) Act, 1992, and shall be read and construed as one with the Criminal Code, hereinafter referred to as "the principal law". Short title. Cap. 9.

**2.** Section 298B of the principal law shall be amended as follows: Amendment of section 298B of the principal law.

(a) in subsection (1) thereof, for the words "by Maltese law" there shall be substituted the words "by or under Maltese law" and for the words "for a term not exceeding six months or to a fine *(multa)* not exceeding one thousand liri or both such fine and imprisonment." there shall be substituted the words "for a term not exceeding one year or to a fine *(multa)* not exceeding five thousand liri or to both such fine and imprisonment."; and

(b) in subsection (3) thereof, for the words "on the 1st January, 1995." there shall be substituted the words "on the 1st January, 1993.".

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 69 of the 11th November, 1992.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives.*

*Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*